GUDJA

Minuti tas-sittax-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Skużat: | Kunsillier: | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 15/6 (26/05/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Jum il-Gudja – programm

5. Ittra ta' l-awditur u risposta

6. Fondazzjoni GAL Xlokk

7. Ftehim fuq bażi PPP mal-Gudja United Football Club

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

Is-Sindku u l-Kusnilliera qalu t-talba għall-fejqan tas-Sur Vincent Pace, Sinjura Connie Seguna u l-morda kollha u ghar-ruħ tas-Sur Lino Sammut.

Il-Kunsill għamel minuta silenzju wara t-telfa tas-Sur Lino Sammut li jiġi z-ziju tal-Kunsillier Mark Anthony Sammut.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku informa lill-Kunsill illi s-Segretarju Esekuttiv infurmah illi l-Kunsillier is-Sur O Pace kien talab li jiġi skużat għaliex ma setax jattendi għal din il-laqgħa tal-Kunsill peress li kien qed jieħu ħsieb lill-Missieru li kien jinsab

rikoverat l-isptar u għalhekk infurmah illi ma setax jattendi għal din il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku u l-Kunsilliera kollha, filwaqt li xtaqu fejqan ta' malajr lis-Sur Vincenzo Pace, missier is-Sur O Pace, qablu unanimament li l-Kunsillier O Pace għandu jiġi skużat għal din il-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 15/6 (26/05/2010)**

1.1 Il-minuti tal-15/6 (26/05/2010) tal-Kunsill Lokali għal Gudja li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2010 li kienu diġa ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Kuntatt mal-Perit William Lewis. Is-Sindku qal li fi żmien qasir huwa sejjer jitlob lil Perit Lewis sabiex jagħmel il-kejl meħtieġ tax-xogħol ta' Triq Raymond Caruana u service road ta' Triq Ħal Għaxaq sabiex b'hekk ikun jista joħroġ il-kont finali lil E & S Mifsud.

2.1.2 Parking fi Triq Ħal Resqun faċċata l-Ajruport Internazzjonali Gudja. Is-Sindku qal li peress il-parking ta' l-Ajruport Internazzjonali issa qed ukoll jinfirex ġewwa l-Gudja dan qed joħloq inkonvenjent serju għar-residenti tal-Gudja speċjalment fl-inħawi ta' Ħal Resqun, Triq San Mark, Triq Bir Miftuħ u Triq De Warsbergh. Kien għalhekk li saret talba lit-Trasport Malta sabiex parti kbira ta biċċa art li fiha l-Kunsill nefaq il-flus sabiex tagħha l-konkos tkun parking għar-residenti tal-Gudja biss.

Saru sinjali bojod u ħodor kif ukoll twaħlu tabelli sabiex juru dan l-iskop tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien informa lil Kunsill sabiex ineħħi dawn is-sinjali iżda huwa iħoss li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti ma' Trasport Malta sabiex toħroġ il-permessi meħtieġa dwar dan il-parking għar-residenti għaliex il-Kunsill ħoloq dan il-parking għan-nies tal-Gudja u mhux sempliċiment żied il-parking għal min jagħmel użu jew jaħdem fl-Ajruport Internazzjonali, Gudja.

Is-Sindku qal li f'sitwazzjoni simili ġewwa l-Belt Valletta inħolqu skemi u b'hekk ir-residenti jkollhom fejn jipparkjaw u jingħataw preferenzi fuq dawk li ma humiex residenti l-Belt Valletta. Għalhekk il-Kunsill iħoss li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għandu jerġa jikkonsidra dak l-avviż sabiex dawn is-sinjali jitneħħew. Id-Departiment tal-Gvern Lokali m'għandux jaqtagħha bil-giljottinu kontra l-interess tar-residenti tal-Gudja.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti ma' l-għola awtoritajiet kemm ta' Trasport Malta kif ukoll ma' min huwa konċernat sabiex issir dak kollu possibli sabiex in-nies tal-Gudja, speċjalment dawk li joqgħodu fejn l-Ajruport Internazzjonali jkunu jistgħu ssibu post xieraq fejn jipparkjaw l-vetturi tagħhom mingħajr tfixkil żejjed.

Saret diskussjoni sabiex il-Kunsill jerġa jispjega fid-dettal dwar il-ħtieġa serja u urġenti ta' dawn is-sinjali u kaxxi ħodor sabiex jinħoloq spazju awtorizzat għal parking għar-residenti.

Fiċ-ċirkustanzi preżenti il-Kunsill qabel li jitneħħew it-tabelli u s-sinjali ħodor u dawn isiru bojod filwaqt li jibqa persistenti sabiex jakwista l-permessi meħtieġa mingħand it-Trasport Malta u Awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb spazju ta' parking xieraq għar-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll li wara li jinkisbu l-permessi u l-awtorizazzjoni meħtieġa l-Kunsill ikun jista jopera fuq sistema ta' parking ta' sinjali bojod, dawk blu u dawk ħodor għal-ħinijeit diversi tal-ġurnata.

2.1.3 Ħaddiema li ġew assenjati mill-ETC fuq Skema ta' Xogħol fil-Kommunita. Is-Sindku qal li dawn iż-żewġ ħaddiema, Sur Anthony Bonnici u s-Sur Michael Pawley talbu lill-ETC li jirtiriaw mill-iskema fuq bażi ta' saħħa.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-ETC għal aktar ħaddiema peress li hemm ħafna xogħol xi ssir għal ġid tal-kommunita Gudjana.

2.1.4 Monument ta' l-istatwa ta' Santa Marija fi Ġnien Raymond Caruana Gudja. Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Parroċċa sabiex il-Kunsill jagħmel ħadid xieraq li jkun jista' iservi ta' ilqugħ u jagħti aspett aħjar għal dan il-monument.

Saret diskussjoni dwar il-possibilita li dan ix-xogħol isir minn ħaddiema ta' esperjenza f'dan il-qasam filwaqt li l-ħadid jixtrih il-Kunsill kif ukoll tinkiseb l-għajnuna ta' volontiera tal-Parroċċa.

2.1.5 Laqgħa ta' l-LES Group G. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għal din il-laqgħa dwar is-sistema finanzjarja ta' 'pooling' tal-LES Group G preżentament magħmul minn Ħal Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Raħal Ġdid, Santa Luċija, Tarxien u Żejtun.

Is-Sindku qal li għalhekk flus dovuti lill-Gudja, ma sar l-ebda tqassim ta' flus peress li dan il-Kumitat Konġunt irrid iżomm finanzi f'idejh sakemm ikompli jopra din is-sistema. Meta dan jiġi stabbilit isiru l-qsim ta' flus fuq sistema stabbilita.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Sistema ta' open skips. Is-Sur Baldacchino qal li ġie nfurmat li minħabba ħlas mitlub mill-WasteServe l-kuntrattur ta' l-Open skips talab l-Kunsill żieda minn €28.00 kif il-Kunsill qiegħed iħallas preżentament din titla' għal €60.00 kull skip.

Minħabba restrizzjoni tal-finanzi tal-Kunsill, is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill huwa kostrett li jnaqqas dawn l-iskips għal tlett (3) skips fix-xahar u titħaddem sistema kif sejra tingħad:-

| | |
|---|---|
| Waħda | l-ewwel sibt tax-xahar fi Triq San Mark (ħdejn l-iskola Primarja) |
| Waħda | It-Tieni Sibt tax-xahar fi Vjal it-Torri |
| Waħda | It-Tielet Sibt tax-xahar f'Tal-Mitħna Triq Joseph Gravina katuniera ma' Triq l-Awrekarja |

Is-Sur Baldacchio qal li dan għandu issir b'seħħ minn nhar is-Sibt 03 ta' Lulju 2010 u din l-iskip għanda ssir fi Triq San Mark Gudja.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u qabel ukoll li jitpoġġew avviżi fin-notice board u possibilment l-Arċipriet jagħmel l-avviżi ta' dan fi tmien il-Ġimgħa u l-Ħadd.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir arranġamenti sabiex joħroġ offerti (tender) dwar dan is-servizz ta' l-open skips.

2.2.2 Knies madwar il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li wasal iż-żmien li jinħarġu l-offerti (tender) dwar dan is-servizz tal-knies li fih għandu jinkludi makkinarju ta' sweeper bid-driver. Dan il-kuntratt ta' knies għandu jiġi speċifikat servizz addizzjonali fil-Festa ta' Santa Marija, fil-Festa tar-Rużarju u dak tal-Festa taċ-Ċintura.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

2.2.3 Xogħol ta' tindif f'diversi nħawi tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mal-ħaddiema ta' xoghol fil-Kommunita u dawk assenjati mal-Kunsill, ħadmu fuq xogħol ta' tindif f'dawn it-toroq:- Triq Ħal Safi, Triq Birżebbuġa, Triq Ħal Safi ma' Triq Ħal Far, Trejqa qrib il-kamra tan-nar taċ-Ċintura, Triq ta' ħdejn ta' Loretu.

Dwar Triq Ħal Tarxien is-Sur Baldacchino qal li x-xogħol sejjer jitkompla wara nofs Lulju 2010.

Is-Sur Baldacchino qal li f'isem il-Kunsill huwa xtaq jirringrazzja lill-ħaddiema li taw sehemhom f'dan ix-xogħol flimkien miegħu u għal ħidma u l-koperazzjoni tagħhom.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1 Sur Anthony Dalli

a. Laqgħa ta' tagħlim tul il-ħajja. Is-Sur Dalli qal li nhar il-31 ta' Mejju 2010 huwa kien attenda din il-laqgħa fejn ġie spejgat kif wieħed ikun jista' jgħin sabiex ma jsirx abbuż fuq l-anzjani

b. Ċentru ta' taħriġ u tagħlim tul il-ħajja. Is-Sur Dalli qal li waqt il-laqgħa tal-31 ta' Mejju 2010 huwa kien iltaqa ma' Dr. Stefanie Xuereb MD dwar l-għajnuna meħtieġa għal dan iċ-Ċentru ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għandu jipprepara statsitika meħtieġa dwar il-parteċipazzjoni possibli f'dan iċ-ċentru u 'bhekk issir talba meħtieġa fil-preparazzjoni tal-budget tal-Gvern Ċentrali.

c. Servizzi Soċjali mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal li sar progress fis-sistema tat-telefon u eletronika sabiex ikun hemm kuntat dirett mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali iżda għad fadal xi xogħol ieħor qabel mal-Kunsill ikun jista iniedi dan is-servizz.

d. Xogħol ta' rampi fis-service road Vjal it-Torri Gudja. Is-Sur Dalli qal li hemm ħtieġa ta' biċtejn rampi sabiex jiġi evitat xi inċident minħabba sewqan eżagerat u traskurat f'din is-service road.

Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol sejjer issir fi żmien qasir.

Il-Kunsill qabel li jsir il-kejl meħtieġ u jiġu ordnati u jitwaħlu dawn ir-rampi mill-aktar fiss possibli.

2.3.3 Sur Mark Anthony Sammut

a. Fondi ta' l-ewropa dwar l-enerġija. Is-Sur Sammut qal li peress it-talba tal-Kunsill kienet ibażata fuq ġnien Raymond Caruana li għadu mhux devolut għand il-Kunsill għaliex dan ikun ifisser li l-Kunsill ijkollu jħallas il-kont tad-dawl u peress li l-proġett tal-Kunsil li jibni Ċentru Amministrattiv f'parti mill-Ġnien R. Caruana, għandu fil-fażijiet preliminari ħafna, il-Kunsill ma setax jipparteċipa f'dawn il-fondi.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jipproċedi dwar proġett li dwaru diġa ġew assenjati l-fondi lil kunsill taħt l-iskema ta' fondi speċjali dwar l-enerġija.

b. Kotba mogħtija lil Kunsill mingħand l-organizzaturi tal-President Award Scheme. Is-Sur Sammut qal li l-President Award Scheme taw għotja ta' kotba lil librerija tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jirringrazzja lil President Award Scheme dwar dan u li wara li jsiru l-katagolizazzjoni meħtieġa mid-dipartiment tal-Libreriji jinħarġu dawn il-kotba preferibilment bit-timbru tal-Kunsill Lokali Gudja.

c. Fun Fun fil-programm ta' Jum il-Gudja 2010. Is-Sur Sammut qal li qed jaħdem dwar din bil-parteċipazzoni tas-St. Patrick's A.C. Is-Sur Sammut qal li sejjer jipprovdi r-rotta u jixtieq jikseb l-għajnuna tal-pulizija (preferibilment mingħajr ħlas peress li din il-fun run hija b'risq Puttinu Cares Fund). Is-Sur Sammut qal ukoll illi is-Sur Horace Micallef diġa ofra l-medalji b'xejn għal dawk li sejrin jieħdu sehem. Is-Sur Sammut qal li qed jagħmel ħiltu sabiex jikseb għotja ta' T-shirts iżda dan diġa ġie micħud mill-HSBC peress li m'għadx għandhom konnessjoni ma' Puttinu Cares Fund.

Is-Sindku wiegħed li kien sejjer jagħmel dak kollu possibli sabiex jikseb l-għajnuna tal-Pulizija bil-mutur waqt din il-Fun Run mingħajr ħlas u b'hekk jonqsu l-ispejjeż.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill għamel referenza għar-rapport dwar l-ilmenti kif ippreżentat u qabel li jittieħdu dawk il-passi u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu eliminati dawn l-ilmenti kif meħtieġ għas-sodisfazzjoni rar-residenti.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar diversi ittri li ntbagħatu f'dan il-perjodu u qabel li jkompli jinsisti dwar il-progress meħtieġ dwar dak li jkun qed jitlob il-Kunsill.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Sala Pubblika fil-Gudja. Permezz ta' ittra datata 11 ta' Ġunju 2010, is-Segretarju Privat fil-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja infurmat lill-Kunsill ili l-Ministru Dolores Cristina rċeviet l-ittra tal-Kunsill datata 04 ta' Ġunju 2010, rigward Sala Pubblika fil-Gudja.

3.3.2 Stallazjoni ta' ATM machine u traffic management f'Dawret il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi permezz ta' l-ittra datata 22 ta' Ġunju 2010 il-MEPA estendit iż-żmien sabiex issiru l-amendi fl-applikazzjoni dwar din l-ATM.

3.3.3 Memo 15/2010 – Fondi speċjali għal-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ittra datata 21 ta' Ġunju 2010, l-Bord ta' l-Evalwazzjoni informa lill-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar uffiċini amminsitrattivi ma ġietx magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjarja minn din l-iskema.

Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali aktar tagħrif għaliex l-applikazzjoni tal-Kunsill ma kinitx tissodisfa l-kriterja kollha u li forsi setgħet issir applikazzjoni taħt skemi oħra speċifiċi.

3.3.4 Laqgħa tal-Kumitat Konġunt Liġi. Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-Agenda tal-laqgħa tal-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2010. Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-minuti tal-10 ta' Mejju 2010 partikularment item 106.7 li dan il-kumitat għandu jibqa jiffinanzja 'business as usual' sakemm ma jkunx hemm xi żviluppi jew direttivi oħra. Dwar dan il-membri kollha tal-Kumitat Konġunt qablu nem con.

Il-Kunsill ġie nfurmat dwar item 106.9 dwar l-analiżi ta' l-ispejjeż tal-Kumitat Konġunt u dwar kif l-uffiċċjal awtorizzat intalab jagħti rendikont finanzjarju, tal-bilanċ li għandhom jieħdu l-Kunsilli. Sejjer jgħin lill awditur jagħmilu rapport dwar dan.

3.3.5 Tindif fi Triq ta' Loretu u fejn il-Kappella. In-niċċa tal-Madonan ta' Loretu fi Triq ta' Loretu. Il-Kunsill ġie infurmat bl-ittra datata 13 ta' Ġunju 2010 tas-Sur Joseph Caruana fejn irringrazzja lill-Kunsill għat-tindif li sar fi Triq ta' Loretu u fejn il-Kappella u qal proset ukoll lis-Sur Romeo Baldacchino u l-ħaddiema tal-Kunsill tax-xogħol li għamlu.

Is-Sur Joseph Caruana qal ukoll li dwar in-niċċa tal-Madonna ta' Loretu li hemm fi Triq ta' Loretu huwa kien lest li jressaq din fil-Gnien u hemm fejn il-Familja Abdilla u li lest li jżarma din in-niċċa u jerġa jibnija għall-ispejjeż tal-Knsija ta' Loretu. Wara li jinkisbu l-permessi meħtieġa fosthom dawk tal-MEPA u dan ix-xogħol isir taħt it-tmexxija tal-Kunsill.

Il-Kunsill wera l-apprezzament għal kontenut tal-ittra tas-Sur Caruana u qabel li jiltaqa mas-Sur Caruana fi żmien opportun.

3.3.6 Rotta diretta lejn l-ajruport. Il-Kunsill ġie infurmat bl-ittra tal-21 ta' Gunju 2010 mingħand is-Segretarju Privat tal-Ministru Austin Gatt, Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni dwar li l-ministeru rċieva kopja ta' l-ittra tal-Kunsill datat 04 ta' Ġunju 2010 inidirizzata lic-Chairman Trasport Malta rigward rotta diretta mill-Ajruport sabiex b'hekk ir-residenti tal-Gudja ikollhom servizz ta' Trasport Pubbliku aħjar.

**4.0 Jum il-Gudja – programm**

4.1 Saret diskussjoni dwar il-kontentu ta' dan il-programm u dwar ir-raġuni għaliex ħarġu l-avviżi u sejħiet għal parteċipazzjoni f'dan il-programm qabel dan l-istess programm ġie approvat mill-Kunsill.

Il-Kunsill ingħata tagħrif dwar id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa magħhom sabiex itella dan il-programm u għalhekk mhux dejjem possibli li

jissinkronizza kollox kif ikun mixtieq. Il-Kunsill qabel li fil-ġejjieni dan il-programm jiġi preparat minn qabel sabiex il-Kunsil ikun jista ikollha kull informazzjoni meħtieġa dwar il-kontenut ta' dan il-programm.

4.2 Waqt din id-diskussjoni dwar il-programm l-Kunsill ġie nfurmat dwar ittra li ntbgħatet liż-żewġ każini tal-banda, dik taċ-Ċintura u dik ta' La Stella sabiex jipparteċipaw fil-formazzjoni ta' banda waħda għal Jum il-Gudja 2010.

Saru diversi konsiderazzjonijiet dwar id-diffikultajiet fir-relazzjoni bejn iż-żewġ każini u dwar li l-Kunsill filwaqt li juri kull rispett u apprezzament tal-ħidma taż-żewġ każini b'risq il-Gudja, għandu jżomm il-barra minn kull konflitt.

F'dan l-istadju kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera preżenti bdew jagħmlu proposti u joħroġu idejat sabiex filwaqt li jżomm il-barra minn kull konflitt jagħmel dak kollu possibli sabiex tinkiseb l-għaqda u ssaltan il-paċi speċjalment qalb il-każini tal-baned li tant jaħdmu b'risq il-Gudja

Is-Sur Baldacchino għamel suġġeriment illi għal din l-okkażjoni għandhom jipparteċipaw iż-żewġ baned filwaqt li jinżamm l-ispejjeż b'mod limitat. Dawn iż-żewġ baned għandhom jingħataw żewġ rotot differenti sabiex filwaqt in-nies kollha tal-Gudja ikunu jistgħu jifirħu bil-mużika provduta mill-banda rispettiva ma jkun hemm konflitt bejn ħadd.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u qabel ukoll li tiġi preparata pjanta b'żewġ rotot li dwarhom ikunu jistgħu jimxu l-baned. Dwar dan ġie ukoll maqbul li ssir laqgħa mad-diriġenti taż-żewġ każini nhar it-Tnejn 05 ta' Lulju 2010 fejn jiġi miftiehem u finalizzat kif ikun mixtieq mill-Kunsill.

4.3 Il-Kunsill qabel u approva l-programm kif preżentat u approva n-nefqa ta' €2,500.00 simili bħal dik għas-sena 2009.

**5.0 Ittra ta' l-awditur u risposta**

5.1 Ittra ta' l-awditur u risposta tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009. Il-Kunsill ra l-ittra ta' l-awdituri u approva l-ittra tal-Kunsill u qabel li skond kif huwa stabbilit din ir-risposta tiġi ffirmata mis-Sindku u Segretarju Esekuttiv.

5.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex l-Kunsill ikun konformi kompletament ma' dak miftiehem ma' l-awdituri fl-istess ittra datata 25 ta' Ġunju 2010.

Sospenzjoni ta' l-Agenda.

Il-Kunsill qabel li peress li kien qed issir il-ħin jagħmel sospenzzjoni ta' l-Agenda u jitratta l-finanzi.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €96.25 għax-xahar ta' Mejju 2010 kif preżentata lill-Kunsill

8.2.0 Skeda ta' pagamenti.

8.2.1 Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €20896.42 għax-xahar ta' Ġunju 2010 u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

***Aġġornament***

Fid-9.25p.m. is-Sindku bi qbil mal-Kunsilliera preżenti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ġimgħa 02 ta' Lulju 2010 sabiex jiġu finalizzati l-arranġemtni maż-żewġ baned tal-Gudja fil-parteċipazzoni rispettiva tagħhom fil-Programm ta' Jum il-Gudja u sabiex titkompla l-agenda tas-sittax –il laqgħa kif diġa ċirkulata.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku